22001D0093

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 93/2001

tat-13 ta' Lulju 2001

li temenda l-Anness II (Ir-regolamenti tekniċi, l-istandards, l-ittestjar u ċ-ċertifikazzjoni) u l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ta' l-EEŻ

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawnhekk iżjed 'il quddiem msejjaħ "il-Ftehim", u partikolarment l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 3/2000 ta' l-4 ta' Frar 2000 ([1]).

(2) L-Anness XIII tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 76/2001 tad-19 ta' Ġunju 2001 ([2]).

(3) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/2/KE ta' l-4 ta' Jannar 2001 li tadatta għall-progress tekniku d-Direttiva tal-Kunsill 1999/36/KE fuq l-apparat bil-pressjoni li jista' jkun trasportat ([3]) għandha tiġi nkoporata fil-Ftehim.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/107/KE tal-25 ta' Jannar 2001 li tiddifferixxi għal ċertu apparat bil-pressjoni li jista' jkun trasportat id-data ta' l-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/36/KE ([4]) għandha tiġi nkoporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Dan li ġej għandu jkun miżjud ma' punt 6b (id-Direttiva tal-Kunsill 1999/36/KE) tal-Kapitolu VIII ta' l-Anness II tal-Ftehim:

", kif emendat mid-:

– **32001 L 0002**: Direttiva tal-Kummissjoni 2001/2/KE ta' l-4 ta' Jannar 2001 (ĠU L 5, ta' l-10.1.2001, p. 4),

– **32001 D 0107**: Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/107/KE ta' l-25 ta' Jannar 2001 (ĠU L 39, tad-9.2.2001, p. 43).

* Id- Direttiva hija wkoll mniżżla fl-Anness XIII, fil-punt 17f u fil-punt 42c, tal-Ftehim."

Artikolu 2

Dan li ġej għandu jkun miżjud ma' punt 17f (id-Direttiva tal-Kunsill 1999/36/KE) ta' l-Anness XIII tal-Ftehim:

", kif emendat mid-:

– **32001 L 0002**: Direttiva tal-Kummissjoni 2001/2/KE ta' l-4 ta' Jannar 2001 (ĠU L 5, ta' l-10.1.2001, p. 4),

– **32001 D 0107**: Deċizjoni tal-Kummissjoni 2001/107/KE tal-25 ta' Jannar 2001 (ĠU L 39, tad-9.2.2001, p. 43).

* Id-Direttiva hija wkoll mniżżla fl-Anness II, f'punt 6b tal-Kapitolu VIII, u fl-Anness XIII, f'punt 42c, tal-Ftehim."

([1]) ĠU L 103, tat-12.4.2001, p. 5.
([2]) ĠU L 238, tad-6.9.2001, p. 26.
([3]) ĠU L 5, ta' l-10.1.2001, p. 4.
([4]) ĠU L 39, tad-9.2.2001, p. 43.

Artikolu 3

Dan li ġej għandu jkun miżjud ma' punt 42c (id-Direttiva tal-Kunsill 1999/36/KE) ta' l-Anness XIII tal-Ftehim:

", kif emendat mid-:

– **32001 L 0002**: Direttiva tal-Kummissjoni 2001/2/KE ta' l-4 ta' Jannar 2001 (ĠU L 5, ta' l-10.1.2001, p. 4),

– **32001 D 0107**: Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/107/KE tal-25 ta' Jannar 2001 (ĠU L 39, tad-9.2.2001, p. 43).

* Id-Direttiva hija wkoll mniżżla fl-Anness II, f'punt 6b fil-Kapitolu VIII, u l-Anness XIII, f'punt 17f, tal-Ftehim."

Artikolu 4

It-testi tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/2/KE u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/107/KE fil-lingwa Islandiża u Norveġiża, li għandhom jkunu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-14 ta' Lulju 2001, iżda n-notifikazzjonijiet kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim għandhom ikunu magħmula lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, fit-13 ta' Lulju 2001.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

E. BULL

(*) L-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali m'huma indikati.